IL-KNISJA F'MALTA

SEGRETARJAT GĦALL-EDUKAZZJONI NISRANIJA
Arċidjoċesi ta' Malta

# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Primarja

F'Novembru 2016 saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2017-2018. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-Ewwel Sena Primarja.

**L-Ewwel Sena Primarja Subien**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja subien huwa ta' tliet mija sebgħa u sebgħin (377) post.

Għall-ewwel sena primarja subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 23 |
| *1ċ Aħwa* | 106 |
| *1f Tfal minn skola bla kontinwità* | 42 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 20 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 6 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **198** |

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (377) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (198), dan iħalli total ta' mija, disgħa u sebgħin (179) post vakanti. Ma' dan it-total irid jiżdied in-numru ta' postijiet vakanti fl-iskejjel ta' St Francis għaliex għadu mhux konkluż l-eżerċizzju ta' transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St Francis għall-Primarji ta' l-istess kongregazzjoni.

Għandna wkoll tliet applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Meta jinħoloq post vakanti fl-iskola rilevanti dawn jinkitbu fiha.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**L-Ewwel Sena Primarja Bniet**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja bniet huwa ta' mitejn sebgħa u tletin (237) post.

Għall-ewwel sena primarja bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 13 |
| *1ċ Aħwa* | 44 |
| *1f Tfal minn skola bla kontinwità* | 56 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 4 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 4 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **121** |

Żewġ applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, Kriterju 1d. Dawn ma tnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li jokkupaw post fi skola jħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu. Għandna wkoll applikazzjoni skont il-kriterju Skola Bla Kontinwità "Eżenzjoni f'każijiet serji ta' żmien barra minn Malta". Din l-applikanta qed jintrefgħalha post mal-Kriterju 1f Tfal minn skola bla kontinwità.

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (237) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (121), dan iħalli total ta' mija u sittax-il post vakanti (116). Ma' dan it-total irid jiżdied in-numru ta' postijiet vakanti fl-iskejjel ta' St Francis għaliex għadu mhux konkluż l-eżerċizzju ta' transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St Francis għall-Primarji ta' l-istess kongregazzjoni.

Għandna wkoll tliet applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Meta jinħoloq post vakanti fl-iskola rilevanti dawn jinkitbu fiha.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Konklużjoni**

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

Il-Bord tad-Dħul Skejjel tal-Knisja 27 ta' Jannar 2017

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**